# Ġ 5.3 IS-SAJD U L-AKKWAKULTURA



**Ġ5.3.4**

L-Irħula fil-Gżejjer Maltin li huma marbutin mas-Sajd.

**A. Tgħallem sib fuq il-mappa dawn l-irħula minn fejn joħorġu jistadu s-sajjieda Maltin.**

**Penġi l-baħar ta' BLU u l-art KANNELLA**



B. **Aqra**

Is-sajjieda Maltin u Għawdxin joħorġu jistadu minn diversi bajjiet u daħliet.

Penġi bil-kulur dawk li huma magħrufin għas-sajd.

| | | |
|---|---|---|
| Marsalforn | Marsaxlokk | ix-Xlendi |
| San Ġiljan | Il-Gudja | il-Mosta |
| Birżebbuġa | Il-Ġnejna | Ħal Safi |
| Wied il-Għajn | Ħal Qormi | l-Imqabba |
| l-Imġarr Għawdex | San Pawl il-Baħar | Għar Lapsi |

X' ittra tal-alfabett irnexxielek tifforma bil-kulur? ____________________

**Ċ. Imla l-vojt bil-kliem mogħti.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| l-Imġarr | tal-Ġnejna | Marsascala | sajjieda |
| oħra | bil-liċenzja | Birżebbuġa | 40% |

1. Meta nsemmu s-sajd mill-ewwel jiġina f'moħħna l-port ta' Marsaxlokk. Fil-fatt, erbgħa minn kull għaxar dgħajjes li huma irreġistrata għas-sajd, insibuhom jew Marsaxlokk jew fir-raħal qrib ta' _________________.



2. Dan ifisser _________________ (erbgħin fil-mija).

3. L-iktar port importanti għas-sajd f'Għawdex huwa ________________. Hawnhekk insibu sebgħa minn kull għaxar dgħajjes ________________ għas-sajd f'Għawdex (70%).

4. Hemm postijiet ________________ mbagħad fejn insibu komunitajiet ta' ________________. Wara xulxin skont in-numru ta' sajjieda rreġistrati nsibu lil San Pawl il-Baħar, warajh ________________, imbagħad l-Imsida. Warajhom tiġi l-bajja ________________ fejn insibu ħafna sajjieda li jinżlu mir-Rabat u mill-Imġarr Malta.

**D. Sib it-tweġiba t-tajba.**

1. F'Malta hawn bosta sajjieda, kemm (bla flus, full-time, għalxejn) kif ukoll part-time.
2. Biex joħorġu jistadu u jdumu ħafna fuq il-baħar, is-sajjieda jużaw (skuna, speedboat, jott)
3. Għas-sajd tal-lampuki nużaw l-iktar (il-luzzu, l-ispeedboats, il-jottijiet)
4. Ir-raħal Malti li hu l-aktar magħruf għas-sajjieda huwa (l-Mosta, Marsaxlokk, Tas-Sliema)
5. Ix-xogħol tas-sajjied jiddependi ħafna fuq (il-ħin liberu, it-temp, il-petrol)
6. (F'Marsaxlokk, Fiċ-Ċittadella, F' Ta' Ċenċ) is-sajjieda għandhom daħla kennija biex idaħħlu l-luzzijiet u l-kajjikki tagħhom.
7. Trawler hija kelma Ingliża li tfisser (skuna, qasba, xibka) tas-sajd.

